QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.

Illum l-Erbgha, 10 ta' Lulju 2002

Numru 2

Citaz. Nru. 644/92 FD

Thomas Baldacchino personalment u f'isem u ghan-nom taz-zewg uliedu subien minuri, u cioe` Sean ta' tlett snin u Gabriel ta' sentejn, debitament awtorizzat biex jipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet numru 1304/91 datat 9 ta' Dicembru, 1991 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Vs

Carmen Baldacchino, mart l-imsemmi Thomas Baldacchino

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur Thomas Baldacchino u l-konvenuta martu Carmen Baldacchino inghaqdu fis-sagrament taz-zwieg fil-knisja tad-Duluri gewwa Haz-Zebbug - Malta nhar is-16 ta' Dicembru, 1987, u minn dan iz-zwieg kien hemm zewgt itfal, subien li ghadhom minuri, u cioe` Sean li twieled nhar is-17 ta' Marzu, 1989, ghalhekk ghalaq it-tlett snin; u Gabriel li twieled nhar id-29 ta' April, 1990, u jigi ghalhekk li dan gha1aq is-sentejn;

Premess illi a tenur ta' Artiklu 36 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Kodici Civili, l-attur Thomas Baldacchino pprezenta rikors nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Ottubru, ta' l-elf disa' mija u wiehed u disghin (24.10.1991) fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, liema Qorti permezz tad-digriet numru 1304/91, datat disgha ta' Dicembru, elf disa' mija wiehed u disghin (9.12.1991) *inter alia*, awtorizzat lill-attur biex ikun jista' jipprocedi ghas-separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti, u cioe` din il-Qorti odjerna, kontra l-imsemmija konvenuta martu Carmen Baldacchino, liema kopja ta' tali digriet gie annessa mac-citazzjoni bhala dokument TB1;

Premess illi fid-digriet fuq imsemmi, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kienet fdat il-kura u l-kustodja ta' ulied il-partijiet, lill-konvenuta martu b'dan li skond kif hemm imfisser fid-digriet li kopja tieghu giet annessa mac-citazzjoni, u ghall-iskop ta' access l-attur kellu jgib u jirritorna t-tfal minuri fejn il-Knisja parrokjali ta' Haz-Zabbar, liema kundizzjoni t'access il-konvenuta martu ghamlitha ghal kollox impossibbli billi holqot kull skuza mmaginabbli sabiex l-attur ma jkunx jista' jara lill-uliedu minuri u ghal din ir-raguni l-attur intavola din il-kawza odjerna mhux biss f'ismu personalment imma f'isem u ghan-nom taz-zewg uliedu subien minuri kif fuq indikati;

Premess illi s-sitwazzjoni fil-konfront ta' l-access ta' l-ulied minuri subien tant kienet saret kritika li l-attur nhar il—hmistax ta' Jannar, ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (15.1.1992) din id-darba b'konsulent legali differenti, ipprezenta rikors iehor quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, fejn dak iz-zmien ippreciza li gja kien ilu ma jara lil uliedu minuri ghal tlett xhur shah, u fejn issolleva illi anke kien dahhal il-pulizija biex jipprova jara lil uliedu minuri, pero` lanqas din il-mossa ma rnexxiet u kien ghaldaqstant li pprezenta dak ir-rikors bit-talbiet hemm indikati, liema rikors qed jigi hawn anness bhala dokument TB2.

Premess illi l-konvenuta martu nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru, elf disa' mija wiehed u disghin (22.10.1991) kienet ukoll hi stess intavolat quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, fejn permezz ta' digriet numru 209/92,

wara r-rikors taghha numru 1707/91, nhar id-disa' ta' Marzu, ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (9.3.1992), l-istess Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat id-digriet opportun taghha, skond it-talbiet ta' l-istess konvenuta, kif jindika l-istess digriet li kopja tieghu giet annessa mac-citazzjoni bhala dokument TB3, liema digriet jekk ma gietx ipprezentata c-citazzjoni skond il-Ligi quddiem din il-Qorti llum gie li skada skond il-Ligi u ghalhekk huwa bla effett;

Premess illi nhar id-disa' u ghoxrin ta' April, ta l-elf disa' mija tnejn u disghin (29.4.1992) il-konvenuta pprezentat rikors iehor quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti, meta allura d-digriet originali tal-konvenuta kien ghadu ma skadiex, liema rikors sal jum li qed tigi pprezentata din ic-citazzjoni ma gie qatt notifikat skond il-Ligi lill-attur, ghad illi l-attur sabu, u permezz ta' risposta nhar it-Tlieta, tnejn ta' Gunju, elf disa' mija tnejn u disghin (2.6.1992) quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-attur ipprezenta r-risposta tieghu ghar-rikors tal-konvenuta martu, liema risposta kopja taghha gie annessa flimkien mar-rikors tal-konvenuta ma' din ic-citazzjoni, bhala dokumenti TB4 u TB5, u mill-liema dokumenti dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu stampa generali tas-sitwazzjoni ezistenti llum bejn il-kontendenti u l-htiega li l-attur ukoll ikollu l-kura u l-kustodja ta'uliedu minuri subien fl-ahjar interess ta' l-istess ulied minuri;

Premess illi a tenur ta' l-Artiklu 37 sub-artiklu (1) u sub-artiklu (2) tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur gab l-

awtorizzazzjoni mehtiega mill-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja biex ikun jista' jipprocedi ghas-separazzjoni personali min ma' martu l-konvenuta, liema procedura qed issir a bazi ta' Artiklu 40 ta' l-istess Kodici Civili fejn "kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghada possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment";

Premess illi, minhabba l-premessi in generali fuq indikati, l-attur *proprio et nomine* kien kostrett li jintavola din il-kawza odjerna fit-termini li seta' jaghmel dan skond il-ligi;

Talab ghalhekk l-attur *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja d-dikjarazzjoni li dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment kagun unikament tan-nuqqasijiet tal-konvenuta:-

a. Tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti a tenur ta' l-Artiklu 40 tal-Kapitlu 16, Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Tiddikjara li a bazi ta' Artiklu 48 tal-Kodici Civili, il-konvenuta ghandha titlef il-jeddijiet imsemmija fl-Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg jew taht titolu iehor gratuwitu, kull jedd li jkollha ghal nofs ta' l-akkwisti li waqt iz-zwieg ikunu saru l-

aktar bil-hidma tal-parti l-ohra, u l-jedd li ggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kaz, li taghtiha l-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

c. Tiddikjara applikabbli l-Artikolu 49 tal-Kodici Civili u dana fid-dawl tas-subartiklu (1) ta' l-istess Artiklu;

d. Ghandu jkun applikat l-Artiklu 51 tal-Kodici Civili u dana jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha, li taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghaddu kollu jew f'bicca d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 49, u 50 ta' l-istess Kodici Civili;

e. Ghandu jkun applikati ukoll Artikoli 52, 53 u 54 ta' l-istess Kodici Civili;

f. Ghandhom jigu applikati wkoll Artikolu 55, tal-Kodici Civili, dwar it-tmiem tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

g. Ghandu jigi applikat Artiklu 56 ta' l-istess kodici Civili dwar hsieb tat-tfal wara l-firda, kif ukoll Artiklu 57, partikolarment fir-rigward tas-subartiklu (1) u (2) ta' dan l-Artikolu tal-Kap 16;

h. Ghandu fid-diskrezzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti jinghataw dawk il-provedimenti kollha opportuni li l-Qorti jidhrilha xierqa fid-dawl tat-talbiet precedenti ghal dina l-ahhar talba.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *proprio et nomine* u l-lista interminabbli tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha hija eccepiet:-

1. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet resa imposibbli minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-attur kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabilment b'tort uniku ta' l-attur, li fil-konfront ta' l-eccipjenti u ta' l-ulied tal-partijiet irrenda ruhu hati ta' sevizji, minacci, ingurji, mohriqa u swat u ghalhekk it-talbiet kollha ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

3. Illi l-eccipjenti diga pprezentat hi stess kawza ghas-separazzjoni personali, li ghaliha qed issir referenza (Citaz. Numru 726/92 FD);

U ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta, u l-lista tax-xhieda minnha;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Lulju 1993 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Semghet lix-xhieda prodotti u lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din il-kawza fejn talab lill-Qorti tiddikjara li separazzjoni personali bejnu u bejn martu l-konvenuta abbazi ta' l-artikoli citati u dan wara li ppremetta illi l-kagun tat-tkissir taz-zwieg kienet l-istess konvenuta;

Illi jrid jigi rilevat li din il-kawza kienet qeghda timxi mal-kawza l-ohra bin-numru 726/92 fl-ismijiet inversi u skond ma jidher mill-verbali tal-partijiet u tad-difensuri taghhom kien hemm qbil li l-provi kollha li jingabru f'kawza wahda jkunu japplikaw ghall-kawza l-ohra;

Illi jirrizulta wkoll li l-espert gudizzjarju, ghalkemm nominat fiz-zewg kawzi pprezenta r-rapport tieghu fil-kawza l-ohra imsemmija u dan wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha li ngabru fiz-zewg kawzi;

Illi in vista tal-qbil illi dawn iz-zewg kawzi kienu hekk relatati, il-Qorti sejra taghmel ampja referenza ghall-konsiderazzjonijiet minnha maghmula fil-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi bin-numru 726/92 illi qeghda wkoll tigi deciza fl-Udjenza tallum.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan wara li jigi dikjarat illi t-tort ta' din is-separazzjoni huwa unikament l-istess attur;

Tichad it-Tieni, it-Tielet, ir-Raba' u l-Hames Domandi peress li ma tressqux provi in sostenn tal-premessi li fuqhom huma bbazati;

Tilqa' s-Sitt Domanda u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u tiddividiha billi tassenja lill-konvenuta s-somma ta' erbat elef u mitt lira Maltin (Lm4100) bhala proprjeta` parafernali taghha, u s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) ghal sehemha mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwista minnha elenkati; waqt li lill-attur tassenjalu l-beni kollha li prezentement jinsabu fil-pussess tieghu inkluz il-mutur Suzuki imsemmi fil-process u tiddikjarah responsabbli ghal kull dejn li jista' jkun fadal fuq l-istess mutur, illi dwar id-depozitu li ghadu jezisti fir-Registru tal-Qorti, minn dan ghandhom jigu prelevati mill-konvenuta l-ammont ta' erbat elef u mitt lira Maltija (Lm4100) imsemmija aktar 'il fuq, waqt li mill-bilanc is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1000

ghandha tigi assenjata lill-konvenuta ghal sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq inghad u dak li jibqa' ghandu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti;

Tichad is-Seba' Domanda;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tmien Domanda.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur